SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 36/K9/21**

Data tal-laqgħa: 19 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

**Guido Dalli – Kunsillier (Inc. 25522/2021)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal
Daniel Galea - Accountant

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

36.1.01 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li jiġi skużat waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu skużati.

**36.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

36.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 35/K9/21 għall-approvazzjoni.

36.2.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

36.2.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondaħ fl-approvazzjoni.

36.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

36.2.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul informa lill-Kunsill li fir-rigward il-group chat li kellha ssir mas-Sajjieda ser ikunu qed ikunu hu u s-Sindku fic-chat tagħhom. Informa wkoll li fir-rigward il-proġett Bellus din qed issir l-applikazzjoni min-naħa tal-Perit tal-Kunsill.

36.2.06 Fir-rigward it-*tender* tal-Playing Field f'Ta' Ġiorni, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li qed issir l-applikazzjoni wkoll għal-*bye-law* dwar użu ta' faċilitajiet, din intbagħatet pero' iridu jsiru xi emendi sabiex titkompla l-proċedura.

36.2.07 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Ġieħ San Ġiljan ser issir nhar il-Ħadd 31 ta' Ottubru 2021 fis-6.00p.m. ġewwa l-Marriot Hotel. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul kien talab f'laqgħat preċidenti li f'Ġieħ San Ġiljan kien ippropona li tingħata Ġieħ San Ġiljan lill-Pulizija u operaturi tas-saħħa. Huwa talab li hux ser ikunu qed jingħataw dan ir-rikonoxximent, is-Segretarju nfurmaħ li fir-rigward ta' premjazzjoni ghall-Pulizija u operaturi tas-sahha ser tkun qed issir okazzjoni differenti.

36.2.09 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 37.5.15 dwar il-bust ta' Dun Anton Sciberras, iċ-Ċermen tkellem mal-Kappillan ta' San Ġiljan, min-naħa tal-Kappillan ikkjarifika li ma jsirux fuq propjeta' tal-Knisja sabiex ma jintloħoqx preċident. Ġie ssuġġerit li dan il-bust isir fil-*playing field* li qed isir *upgrading* tiegħu.

36.2.10 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru 2021 ser tkun qed issir il-President Fun Run.

**36.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

36.3.01 Il-Proġett tal-Qalb ta' Ġesu ser tkun qed tiġi ffinanzjata mill-Malta Tourism Authority.

36.3.02 Il-Malta Tourim Authority talbet li ssir laqgħa mal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser inkunu qed nistiednuhom fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

36.3.03 Il-Playing Field li jinsab f'Ta' Ġiorni kważi saru x-xogħolijiet neċċessarji.

36.3.04 Iċ-Ċermen issuġġerixa li wasal iż-żmien li nerġgħu nibgħatu ittra lir-residenti kollha bħala *reminder* dwar

36.3.05 Fir-rigward il-vaccine tal-influwenza qed inżommu l-ismijiet tan-nies, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li min-naħa tal-health ġew jiċċekjaw l-post. Ser inkunu qed navżaw lir-residenti meta jkollna d-dettalji neċċessarji.

36.3.06 Fir-rigward gate li ġiet mitluba min-naħa ta' l-iskola primarja ta' San Ġiljan, l-Kunsill talab li din issir in-naħa ta' ġewwa mhux fuq barra minħabba li kienu ser jiġu affettwati l-parkings.

36.3.07 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar n-*no parkings* signs li qed jinħarġu fejn għandhom jibdew jinżammu l-flus għalihom. Filwaqt li għandha tibda tinżamm depożitu għall-skips u makkinarji. Din għandha terġa titella' fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex issir deċizjoni finali.

**36.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

36.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**36.5 Approvazzjoni Audit Adjustment;**

36.5.01 F'dan l-istadju ġie mistieden l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega aktar fid-dettal.

36.5.02 Is-Segretarju flimkien mal-Accountant tal-Kunsill ressqu l-audit adjustments għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma' l-audit adjustments.

**36.6 Approvazzjoni Rendikont Finanzjarju 2020 kif aġġustat;**

**36.6.01** L-Accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni fit-tul dwar is-sena finanzjarja 2020 wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel mar-Rendikont Finanzjarju 2020 kif ġie aġġustat.

**36.6.02** L-Accountant ħala l-laqgħa fis-6.45p.m.

**36.7 Talbiet żgħar;**

**36.7.01 Email dwar proposta – sinjali ta' cat crossing u rimi ta' skart (Inc. 24072/21);**

36.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel ma din il-proposta.

**36.7.02 Email dwar Ċirkulari AKL 2021/095 MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi (Inc. 24167/21 & 24168/21);**

36.7.02.01 Din l-email inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**36.7.03 Email dwar Servizzi għall-Anzjani fil-Komunita' (Inc. 24235/21);**

36.7.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jkellimom.

**36.7.04 Email dwar talba laqgħa mas-Sindku u mal-Kunsill (Inc. 24459/21);**

36.7.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqgħu miegħu.

**36.7.05 Email dwar SPI.SCI.7.2021 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastruturali Maġġuri li ġew imwetqa mill-Gvern (Inc. 24540/21);**

36.7.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel u japplika għall-proġett tal-moll ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel.

**36.7.06 Korrispondenza dwar Embellishment of Spinola Garden and Paceville Street: Subsurface Investigation (Inc. 24530/21 & 24528/21);**

36.7.06.01 Din diġa ġiet diskussa fl-aġenda qabel.

**36.7.07 Email dwar Stem community funds (Inc. 24576/21);**

36.7.07.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**36.7.08 Email mingħand Spinola Band Club dwar Attivitajiet tal-Milied (Inc. 24577/21);**

36.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jara x'fondi ser ikunu qed jingħataw u ser inkunu qed nkelmuhom.

**36.7.09 Email dwar premju Anzjanita Attiva (Inc. 24692/21);**

36.7.09.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**36.7.10 Email dwar pemess – Każin Banda San Ġiljan (Inc. 24707/21);**

36.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jinħarġu fil-weekend biss u matul l-ġimgħa le.

**36.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

36.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5513 sa 5550. (Ara Appendiċi 'B')

36.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**36.9 Skeda tal-Pagamenti**

36.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

36.9.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

36.9.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**36.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

36.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru 2021 fil-5.00p.m.

36.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

IFFIRMATI

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 18 ta' Novembru 2021